**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju, 2019**

**Avviż Numru: 63/12 MLF**

**Cassar Fuel Limited**

**vs**

**Salvu Zammit and Sons Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5111.62 (hamest elef mija u hdax-il Euro u tnejn u sittin centezmu) ekwivalenti ghal USD 6652.52, rapprezentanti ammont ta' merkanzija nieqsa li ma gietx ikkonsenjata u supplita. Illi fil-konsenja tat-2 u 3 ta' Lulju, 2011 jirrizulta ddokumentat mill-kejl ufficjali illi gew ikkonsenjati 7.231 mts (meter tons) inqas skond dokumenti u xhieda li gew ipprezentati, sia permezz ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar, 2012 u xhieda li jistghu jixhdu ulterjorment waqt smiegh il-kawza.

Bl-ispejjes tal-istess ittra ufficjali u tal-mandati ta' sekwestru numru 240/12 u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Salvu Zammit and Sons Limited fejn eccepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' esponenti qieghdha teccepixxi l-*privilegium fori* a tenur tal-Artikolu 767 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-raguni li s-socjeta' intimata ghandha ufficju registrat taghha f'Ghawdex u per konsegwenza hija kellha tigi citata in gudizzju fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza inferjuri taghha;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' rikorrenti giet konsenjata l-ammont ta' *fuel* li hija hallset ghalih. Dawn huwa kkonfermat kemm mir-*readings* ta' qabel u wara l-operazzjoni tal-*bunkering* kif ukoll mill-*Bunker Delivery Receipt.* Minn din l-ircevuta jirrizulta li l-kaptan tal-vapur tas-socjeta' rikorrenti kkonferma li huwa kien ircieva l-ammont intier tal-*fuel.* Dan skond kif sejjer jirrizulta ahjar waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

4. Bl-ispejjes inkluzi dawk tan-nota responsiva ghall-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar, 2012, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 240/2012 fl-istess ismijiet.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta' Jannar 2013, li cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u cioe dik tal-*privilegum fori* a tenur tal-Artikolu 767 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu. L-ispejjez dwar din l-eccezzjoni gew riservati ghal gudizzju finali.

Rat il-verbal fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2014,[1] fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni wkoll tax-xhieda li nghatat fil-proceduri ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 240/12 fl-ismijiet premessi (Rikors Numru 66/12), li l-process tieghu jinsab anness mal-process odjern;

[1] Ara fol. 82 tal-process.

Hadet konjizzjoni tax-xhieda, dokumenti u l-atti kollha pprezentati fil-process tal-mandat ta' sekwestru numru 240/12 fl-ismijiet premessi (Rikors Numru 66/12). Dawn il-proceduri intemmu bi provvediment moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Marzu 2012, fejn cahdet ir-rikors tas-socjeta Salvu Zammit and Sons Limited sabiex tirrevoka il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju imsemmi, u ordnat li l-atti kollha annessi ma' dan ir-rikors jigu annessi ukoll ma' dawk tal-kawza dwar il-meritu. Il-Qorti irrizervat l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghall-gudizzju finali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Kien sar ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu is-socjeta' konvenuta kellha tissuplixxi lis-socjeta' attrici bi *fuel* fi kwantita ta' tlett mitt (300) tunnellata. It-trasferiment ta' dan il-*fuel* sar mal-lejl bejn it-2 ta' Lulju, 2011 u t-3 ta' Lulju, 2011 mill-bastiment Mgarr, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta ghall-bastiment Sacro Cuor 1, proprjeta' tas-socjeta attrici.

2. Is-socjeta' attrici tikkontendi li minkejja li hija hallset lis-socjeta' konvenuta il-prezz ekwivalenti ghal tlett mitt (300) tunnellata fuel, effettivament kienet irceviet sebgha punt tnejn tlieta wiehed (7.231) tunnellati anqas minn dak li kienet hallset ghalih. Sabiex issostni din it-tezi taghha, is-socjeta' attrici tistrieh fuq *Letter of Protest*[2] mahruga fit-3 ta' Lulju 2011 minn Juan Sciberras, *surveyor* fi hdan is-socjeta' Inspectorate Malta Limited, li hija kumpanija indipendenti li tigi inkarigata mill-partijiet f'dawn it-tip ta' trasferimenti.

3. Minn dan id-dokument jirrizulta li kien hemm diskrepanza ta' sebgha punt tnejn, tlieta, wiehed tunnellati (7.231), u b'konsegwenza ta' dan is-socjeta' attrici harget *invoice* datata 23 ta' Jannar 2012 li permezz taghha talbet lis-socjeta' konvenuta il-

[2] A tergo ta' *fol.*81 tal-process.

hlas tal-ammont fis-somma ta' €5,111.62 ekwivalenti ghal USD 6,652[3], u liema ammont jifforma l-mertu ta' din il-kawza. Jirrizulta wkoll li l-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' konvenuta irrifjuta li jiffirma din il-*Letter of Protest*.

4. Da parti taghha, is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi skond ma jirrizulta mid-*Delivery Survey Report*[4] mahrug ukoll fit-3 ta' Lulju 2011 mill-istess Juan Sciberras tas-socjeta' Inspectorate Malta Limited, il-kwantita' ta' *fuel* li gie rilaxxat mill-bastiment tas-socjeta' konvenuta kien fl-ammont ta' tlett mija punt erbgha tmienja (300.48) tunnellata, u cioe' ftit aktar minn dak pattwit bejn il-partijiet. Dan id-dokument gie ffirmat mill-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' attrici.

5. Inoltre, jirrizulta wkoll li dakinhar li sar it-trasferiment, u cioe' fit-2 ta' Lulju, 2011, inhareg dokument mis-socjeta' konvenuta msejjah *Bunker Delivery Receipt*[5], liema dokument gie ffirmat mill-Kaptani taz-zewg bastimenti, u li jikkonferma li l-*fuel* trasferit minn bastement ghall-iehor kien fl-ammont ta' tlett mitt (300) tunnellata.

6. Chris Cini, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta xehed li s-socjeta' minnu rapprezentata qatt ma kienet irceviet ebda talba da parti tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-ammont pretiz permezz ta' din il-kawza, u kien wara li kienet inqalghet kwistjoni ohra bejn il-partijiet, xhur wara t-transazzjoni in kwistjoni, li s-socjeta' attrici kienet avvanzat il-pretiza odjerna.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Kif diga inghad, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta giet michuda permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta' Jannar 2013.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra u tiddeciedi t-tieni eccezzjoni, li tikkoncerna l-mertu tal-vertenza.

---

[3] Ara Dok DM1 a *fol.*71 tal-process.
[4] Ara Dok SZ1 a *fol.* 4 fl-atti tar-Rikors Revoka ghal Mandat ta' Sekwestru (Rik. Nru. 66/12).
[5] Ara Dokument SZ 4 a *fol.*7 fl-atti tar-Rikors Revoka ghal Mandat ta' Sekwestru (Rik. Nru. 66/12).

Bil-proceduri odjerni s-socjeta' attrici qeghda titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma komplessiva ta' €5,111.62 (hamest elef mija u hdax-il Euro u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti refuzjoni ta' hlas zejjed effettwat lis-socjeta' konvenuta ghall-merkanzija (*fuel*) li ma gietx ikkonsenjata skond *Letter of Protest* mahrug minn kumpanija ta' *surveying* Inspectorate Malta Limited.[6] Is-socjeta' konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni fil-meritu li l-ammont ta' *fuel* li s-socjeta' attrici hallset ghalih gie kkonsenjat fl-intier tieghu.

Il-provi prodotti mis-socjeta' attrici jikkonsistu primarjament fix-xhieda ta' Darren Marmara, *Chief Executive Officer* tal-istess socjeta' attrici u fix-xhieda ta' Juan Farrugia, *surveyor* fi hdan is-socjeta' Inspectorate Malta Limited. Darren Marmara xehed illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li jigu trasferiti tlett mitt tunnellata *fuel* mill-bastiment tas-socjeta' konvenuta ghal dak tas-socjeta' attrici. Spjega illi f'dan it-tip ta' trasferimenti l-prattika hija li jitqabbad *surveyor* indipendenti, f'dan il-kaz Inspectorate Malta Limited, sabiex jivverifika illi l-ammont ta' *fuel* trasferit jikkorrispondi ma' dak mifthiem bejn il-partijiet. Ix-xhud spjega illi kienet irrizultat diskrepanza ta' sebgha punt tnejn, tlieta, wiehed (7.231) tunnellati u ghalhekk l-ammont pretiz permezz ta' din il-kawza jirrapprezenta l-hlas lura tal-prezz ta' dan it-tunnellagg li ma giex trasferit.

Dwar din il-vertenza Juan Farrugia xehed f'zewg okkazzjonijiet, u cioe' fit-12 ta' Marzu 2012 fl-atti tar-Rikors Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat mis-socjeta' konvenuta, imbaghad rega' xehed fit-23 ta' Gunju 2014 fl-atti tal-kawza odjerna. Ix-xhud spjega illi qabel ma sar it-trasferiment minn bastiment ghall-iehor huwa kien ha l-kejl tal-*fuel* li kien hemm fit-tankijiet taz-zewg bastimenti. Spjega li kif inhi l-prassi, hu gie prezentat b'*calibration tables* li ghab-bazi taghhom jkun jista' jikkwantifika kemm ikun fadal *fuel* fuq il-vapur li fuqu kien jinsab. Qal li wara li kien gie effetwat it-trasferiment, huwa rega' ha kejl iehor minn fejn irrizultalu li kien hemm diskrepanza ta' sebgha punt tnejn, tlieta, wiehed (7.231) tunnellati. Spjega li sabiex jaccerta ruhu minn dawn ir-rizultanzi huwa kien ha l-kejl darbtejn u kien ghalhekk li huwa kien ipproduca il-*Letter of Protest,* izda l-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' konvenuta rrifjuta li jiffirma dan id-dokument. Dwar id-dokument *Delivery Survey Report*[7] jghid li dan huwa dokument mahrug minnu u li fuq dan id-dokument

[6] Ara Dok DM 1 a tergo ta' fol.71 tal-process jew Dok CC1 a fol.81 tal-process. Kopja originali ta' dan id-dokument tinsab a fol. 23 fl-atti tar-Rikors Revoka ghal Mandat ta' Sekwestru (Rik. Nru. 66/12).
[7] Ara Dokument SZ1 a *fol.* 4 fl-atti tar-Rikors Revoka ghal Mandat ta' Sekwestru (Rik. Nru. 66/12).

hemm indikat il-kejl kollu li huwa jkun ghamel u dwar l-ammont indikat f'dan id-dokument ta' tlett mija punt erbgha tmienja (300.48) tunnellata jghid li "*dan fil-fatt jindika l-ammont li kellu jigi trasferit*".[8] Dwar il-*Bunker Delivery Receipt* spjega li dan huwa dokument mahrug mis-socjeta' konvenuta u ffirmat mill-kaptana taz-zewg bastimenti, izda li hu ma kienx involut f'dan id-dokument.

Charles Cini xehed in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta u spjega li dak li jirrizulta mid-*Delivery Survey Report* huwa li l-kwantita' ta' *fuel* li gie trasferit minn fuq il-bastiment tas-socjeta' konvenuta kien jammonta ghal tlett mija punt erbgha tmienja (300.48) tunnellata. Spjega li l-ammont ta' fuel trasferit jirrizulta wkoll mill-*Bunker Delivery Receipt* fejn hemm indikat l-ammont ta' tlett mitt (300) tunnellata, liema dokument huwa ffirmat mill-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' attrici bhala konferma li l-bastiment ikun ircieva l-konsenja. Dan id-dokument huwa ffirmat ukoll mill-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' konvenuta. Qal li s-socjeta' attrici qatt ma kienet avvanzat xi talba dwar din it-transazzjoni, sakemm kienet inqalghet kwistjoni ohra bejn il-partijiet, u xhur wara li kienet saret l-operazzjoni, is-socjeta' konvenuta irceviet l-*invoice* tas-socjeta' attrici u l-*Letter of Protest*.

F'dan il-kaz il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg posizzjonijiet divergenti. Is-socjeta' attrici li ssostni li l-kwantita' ta' *fuel* li hija rceviet huwa anqas minn dak li kienet hallset ghalih u minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta ssostni li l-ammont ta' fuel trasferit huwa dak pattwit bejn il-partijiet.

Kif inhu risaput, u kif del resto jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, u dan fuq l-istregwa tal-massima illi "*onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*". F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986, inghad illi:

*"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni ... jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali* ***'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'****.Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir*

[8] Ara x-xhieda ta' Juan Farrugia moghtija in kontro-ezami a *fol*. 25 fl-atti tar-Rikors Revoka ghal Mandat ta' Sekwestru (Rik. Nru. 66/12).

*f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata* ***'beyond reasonable doubt'****, f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm* ***'moral certainty'****, certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm* ***'a mere possibility'****. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-****'balance of probabilities'****.*

Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-kunflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** deciza fit-28 ta' April 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[9] inghad illi:

"*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);".*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri)[10] inghad illi:

"*Huwa pacifiku f`materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

---

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2006

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur*".
... ...

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita, u specjalment dawk tal-konsistenza u veromiljanza, ghandhix teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall*-konvinciment tal-gudikant (Kollez. *Vol L p II p 440."*

In vista tal-fatt li s-*surveyor* Juan Farrugia huwa xhud indipendenti mill-partijiet, f'cirkostanzi bhal ma huma dawk odjerni fejn hemm kunflitt fil-verzjonijiet, ir-rwol ta' dan ix-xhud huwa determinanti sabiex il-Qorti tistabilixxi liema minn dawn il-verzjonijiet ghandha mis-sewwa. Fil-fehma tal-Qorti is-socjeta' attrici ma rnexxiliex tipprova, sal-grad rikjest mill-ligi, li s-socjeta' konvenuta ma ttrasferitx il-kwantita' ta' *fuel* mifthema. Huwa minnu li s-socjeta' attrici esebiet *Letter of Protest* li huwa dokument mahrug mis-surveyor Juan Farrugia u li jikkonferma li l-kwantita' ta' *fuel* li tghabba fuq il-bastiment tas-socjeta' attrici kien mitejn u tlieta u disghin punt tnejn erbgha disgha (293.249) tunnellati, u ghalhekk anqas mit-tlett mitt (300) tunnellata mifthema bejn il-partijiet. Madankollu, f'dan l-istess dokument, dan is-surveyor jiddikjara ukoll li kwantita' ta' *fuel* rilaxxat mill-bastiment tas-socjeta' konvenuta kien ta' tlett mija punt erbgha tmienja (300.48) tunnellata.

Din l-istess figura tirrizulta mid-*Delivery Survey Report* li huwa dokument iehor mahrug mill-istess *surveyor* Juan Farrugia li jinkludi l-kalkoli u l-konteggi kollha li huwa jkun ghamel u li jindika illi din hija il-kwantita' ta' *fuel* li giet trasferita mill-bastiment tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt hdejn il-kliem *"quantity delivered"* hemm indikat l-ammont ta' *"300.48 M/Tons – Air"*.

Il-Qorti fliet sewwa id-deposizzjonijiet kollha li ta x-xhud Juan Farrugia, u mkien dan ix-xhud ma jaghti spjegazzjoni tad-diskrepanza ta' sebgha punt tnejn, tlieta, wiehed (7.231) tunnellati bejn il-kalkoli minnu maghmula tal-*fuel* li gie rilaxxat mill-bastiment tas-socjeta' konvenuta u l-kalkoli tieghu dwar dak il-*fuel* mghobbi fil-bastiment tas-socjeta' konvenuta.

Minn naha l-ohra is-socjeta' konvenuta ressqet provi kredibbli li fil-fatt dan it-trasferiment sar. Oltre l-figura ta' tlett mija punt erbgha tmienja (300.48) tunnellata li tirrizulta kemm mill-istess *Letter of Protest* u anke mid-*Delivery Survey Report*, is-socjeta' konvenuta esebiet *Bunker Delivery Receipt* mahruga mis-socjeta' konvenuta li tikkonferma li l-ammont ta' fuel supplit kien ta' tlett mitt (300) tunnellata. Dan id-dokument gie ffirmat mill-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' attrici u jikkonferma li l-bastiment tas-socjeta' attrici irċieva l-konsenja kif indikat fl-istess dokument. Infatti fuq din il-*Bunker Delivery Receipt,* il-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' attrici iffirma taht kundizzjoni li tispecifika illi: "*I hereby certifiy that I have received bunkers as recorded above, and that the representative samples have been filled and sealed in my presence from the product supplied.*"

Il-Qorti tirrileva illi Juan Farrugia xehed li huwa kien informa liz-zewg kaptana li kienet irrizultatlu din id-diskrepanza, u minkejja dan il-kaptan tas-socjeta' konvenuta xorta wahda ghazel li jiffirma dan id-dokument minghajr ma ghamel l-ebda rizerva fuq il-kwantita' ta' *fuel* li kien qieghed jircievi l-bastiment. Dan ifisser li l-konsenja tal-*fuel* giet accettata mill-bastiment tas-socjeta' attrici bit-termini u kundizzjonijiet indikati fil-*Bunker Delivery Receipt*. Ghandu jigi rilevat ukoll, illi skond ix-xhieda tal-istess Juan Sciberras, il-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' konvenuta meta gie rinfaccjat bil-*Letter of Protest* irrifjuta li jiffirmaha, xi haga li l-kaptan tas-socjeta' attrici seta' jaghmel fir-rigward tal-*Bunker Delivery Receipt.* Bl-iffirmar ta' dan id-dokument, il-kaptan tal-bastiment tas-socjeta' attrici iccertifika li kien ircieva tlett mitt (300) tunnellata ta' fuel minghand is-socjeta' konvenuta, u konsegwentement mhux legalment konsentit lis-socjeta' attrici fi stadju sussegwenti tilmenta li l-kwantita' supplita kienet f'ammont inferjuri, minghajr provi konkreti li dik id-dikjarazzjoni tal-kaptan taghha kienet vizzjata ghal xi raguni valida fil-ligi.

Il-Qorti tqis ukoll illi hija koincidenza wisq kbira li s-socjeta' attrici iddecidiet li tifformula *invoice* datata 23 ta' Jannar, 2012[11] li permezz taghha talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas relattiv ghal dan il-kaz li kien sehh madwar sitt xhur qabel. Xejn ma huwa versomili li gurnata biss qabel ma hija giet notifikata b'mandat ta' sekwestru[12] mahrug fil-konfront taghha mis-socjeta' konvenuta ghar-rigward ta' vertenza ohra li kien hemm bejniethom, is-socjeta' attrici hasset il-htiega li tibghat din l-*invoice*. F'ghajnejn il-Qorti, dan jindika l-animu li bih gew intavolati dawn il-proceduri.

[11] Ara Dokument DM1 a fol.71 tal-process.
[12] Ara fol.11 tal-process Avviz.Nru.66/12 anness.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, it-talba tas-socjeta' attrici qeghda tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta; u
2. Konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta' attrici fit-totalita taghha.

L-ispejjez kollha inkorsi in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – inkluzi dawk relatati mas-sentenza preliminari tal-14 ta' Jannar 2013 u dawk relatati mal-proceduri ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 240/12 fl-ismijiet premessi (Rikors Numru 66/12) deciz fil-21 ta' Marzu 2012 - ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**